**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA33.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Mejju 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fid-29 ta' April 2014.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Attivitajiet Sajf 2014.
3. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.
4. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
5. Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
6. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
7. Mistoqsijiet mill-membri.
8. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA32.

**2.00 Attivitajiet Sajf 2014.**

2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv kellem lit-Taqsima tal-Kultura u din qiegħda tipproponi li kull ġimgħa, possibilment kull nhar ta' Tlieta, ikun hemm attività u li l-Fjakkolata ssir waqt l-attività tat-Taqsima tal-Kultura. Li ssir Fjakkolata kull ġimgħa mhux aċċettabbli għall-Kumitat għaliex Fjakkolata fil-ġimgħa hija ħafna. Il-Kumitat qiegħed jipproponi li l-attivitajiet isiru darba mill-Kumitat u d-darba ta' wara mit-Taqsima tal-Kultura.

**3.00 Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.**

3.01 Ix-xogħol beda l-ġimgħa l-oħra u hemm il-ħsieb li jitlesta fl-aħħar ġimgħa ta' Mejju 2014. Dan ix-xogħol qed isir mill-Kuntrattur Joseph Mercieca u ser ikun b'ammont ta' €30,000 - €10,000 minn fondi tal-Unjoni Ewropea u €20,000 mill-iskema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-Fondi tal-Kumitati.
Għall-bqija tax-xogħol se tinħareġ sejħa għall-offerti u l-Kumitat se japplika għall-fondi tal-UIF.

**4.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

4.01 Triq il-Kavallieri lesta għat-tarmak. Saret trinka biex il-lampa li kienet ġo *front garden* issir fuq arblu. Fi Triq ir-Rumani kien hemm xi problema bil-livelli u ġew Uffiċjali tal-MEPA biex jiċċertifikaw li l-livelli huma tajbin.

**5.00 Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

5.01 Dawn ix-xogħlijiet ser jitlestew dalwaqt u ser jitwaħħlu l-bankijiet, fanali u *bins*.

**6.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

6.01 Il-Kumitat irċieva talba li qed jagħmel l-istabbiliment tal-ikel The Boathouse għal *no objection* sabiex jitpoġġew imwejjed, siġġijiet u *canopy* quddiem dan l-istabbiliment. Il-Kumitat qabel li l-ewwel għandha ssir il-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u l-entitajiet konċernati mbagħad id-deċiżjoni tittieħed wara.

6.02 Il-Kumitat irċieva talba li qed jagħmel l-istabbiliment tal-ikel Churchill għal permess sabiex jitpoġġew imwejjed, siġġijiet u *canopy* quddiem dan l-istabbiliment. Il-Kumitat qabel li l-ewwel għandha ssir il-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u l-entitajiet konċernati mbagħad id-deċiżjoni tittieħed wara.

6.03 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar permessi li ngħataw lill-istabbiliment tal-ikel Pirates Galley Kiosk.

6.04 Il-Kumitat irċieva talba li qed tagħmel l-lukanda Xlendi Hotel għal permess għal imwejjed u siġġijiet u *preparation area* quddiem din il-lukanda. Il-Kumitat ma jaqbilx ma' din it-talba peress li għal dik l-*area* ġew investiti eluf ta' ewro sabiex din titgawda mill-pubbliku.

6.05 Il-Kumitat irċieva talba li qed jagħmel l-istabbiliment tal-ikel Iċ-Ċima għal permess sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem dan l-istabbiliment. Il-Kumitat iddeċieda li dik il-parti li tiġi fuq il-pavimentar m'għandiex tingħata l-permess filwaqt li fuq il-parti l-oħra l-Kumitat qabel li l-ewwel għandha ssir il-laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u l-entitajiet konċernati mbagħad id-deċiżjoni tittieħed wara.

6.06 Il-Kumitat irċieva talba mingħand JUGS Malta għall-*no objection* għall-proposta tagħhom li jkollhom *van* tal-McDonalds fix-Xlendi għal madwar siegħa u sagħtejn fis-17 ta' Mejju 2014 għal użu promozzjonali biss. Il-Kumitat ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

6.07 Il-Kumitat irċieva mingħand il-Provoque Group rigward il-*festival* ta' mużika, arti u *lifestyle* bl-isem ta' Sunscape li ser jorganizzaw mit-3 sal-10 ta' Settembru 2014 fix-Xlendi. Il-Kumitat wiegħed il-kollaborazzjoni kollha tiegħu.

**7.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

7.01 Is-Sur Vincent Borg staqsa dwar li jiġu ċċekkjati l-pompi tad-drenaġġ minħabba li jista' jkun li drenaġġ qed imur fil-baħar.

**8.00 Materji oħra.**

8.01 Is-Sur Godwin Azzopardi għamel l-aħħar diskors tiegħu peress li din il-leġislatura waslet fi tmiemha. Huwa awgura lill-kumitat il-ġdid suċċess fil-ħidma tiegħu favur Ix-Xlendi aħjar.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***